**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**L-34 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi** ser issir nhar **it-Tnejn 15 ta' Ġunju 2015 fil-5:30pm,** fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi QRD 1103.

**Chris Falzon**

**Segretarju Eżekuttiv**

## Aġenda

---

1. **Qari tal-Minuti**
2. **Korrispondenza**
3. **Evalwazzjoni tal-Festival Agrarju tal-Patata 2015**
4. **Aġġornament dwar is-Sejħiet għall-Offerti QLC PC 49/15 u QLC SACE 49/15**
5. **Komunikazzjoni mis-Sindku**
6. **Finanzi**
7. **Aġġornament**

---

Ikun xieraq li l-Kunsillieri kollha jkunu preżenti fil-ħin, biex il-Laqgħa tkun tista' tiddiskuti u tiddisponi l-Aġenda mingħajr telf ta' ħin.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-34 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 15 ta' Ġunju 2015 fil-5:30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat għall-ħabta tat-8 ta' filgħaxija.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |
| Ambaxxatur | Justin Debattista |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

1. **QARI TAL-MINUTI**

1.1 Il-Minuti tat-33 Laqgħa tal-Kunsill Lokali ġew moqrija u approvati.

2. **KORRISPONDENZA**

2.1 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Daniela Farrugia, Kunsillier fil-Kunsill Lokali tal-Qrendi, bit-titlu **Laqgħa tal-Lum.**

2.2 Inqrat Memo 12/2015, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 12/2015 – Awguri u ringrazzjament tas-servizz li tajtu lill-komunita'.**

2.3 Inqrat Memo 13/2015, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 13/2015 – Proġetti varati mill-Kunsilli Lokali.**

2.4 Inqrat Memo 14/2015, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 14/2015 – Infiq fuq Servizzi Professjonali – 2014.**

2.5 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI: Taħriġ dwar il-proġett ESF 4.243 "Insaħħu l-kompetenzi għal Servizz Pubbliku effiċjenti permezz tal-użu tas-servizzi elettroniċi tal-Gvern."**

2.6 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***The Peter Serracino Inglott Award.***

2.7 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Avviż għall-Istampa maħruġ mill-Kummissjoni Elettorali –**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Reviżjoni tar-Reġistru Elettorali għall-Elezzjoni Ġenerali.**

2.8 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Hospice Malta – Open House –* il-Ħadd 7 ta' Ġunju 2015.**

2.9 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm – il-Ħadd 14 ta' Ġunju 2015.**

2.10 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Kunċert tal-Istitut Kulturali Malti – il-Ħadd 14 ta' Ġunju 2015.**

2.11 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Anniversary Celebration Education Week* (9-16 ta' Lulju 2015) – *Malta Adlerian Psychology Association.***

2.12 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Silvio Frendo għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Public Procurement Statistical Information (2014).***

2.13 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christopher Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI – Bdil tal-Isem tat-Triq il-Ħniena – KL Il-Qrendi.**

2.14 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mary Muscat għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***REMINDER: Case 263/15* – Bdil tal-Isem tat-Triq il-Ħniena – KL Il-Qrendi.**

2.15 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mary Muscat għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Każ Nru 154/15 – *List of Live Streaming Links.***

2.16 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mary Muscat għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Avviż Legali Nru. 154 tal-2015 – Regolamenti dwar Attivitajiet li jeħtieġu permess mill-Kunsilli Lokali.**

2.16.1 Is-Sindku David Schembri qal li wara lis-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon għamel ftit riċerka ta kemm qed iżommu Kunsilli Lokali oħra, ħareġ li hemm Kunsilli Lokali li qegħdin iżommu €10 u hemm min qiegħed iżomm €15.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.16.2 Qal li ħafna drabi l-Kunsill Lokali tal-Qrendi jkollu talbiet għal krejnijiet, lifters, *hi-ups*, eċċ...

2.16.3 Żied li hu qiegħed jipproponi li l-Kunsill Lokali għandu jżomm €10 kuljum għal dawn il-permessi, u jżomm €15 kuljum meta jkun hemm permessi għal *tower cranes*.

2.16.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta li se tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2015.

2.17 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***FYA – PQ 16927.***

2.18 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Public Sector Statistics in terms of Directive 7 – 2nd Qtr 2015.***

2.19 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Cultural Activities Information Seminars.***

2.20 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Summer on the Move 2015.***

2.21 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Rita Mifsud Attard għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Urbact III Project Partner Search.***

2.22 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk 27/2015 – Laqgħat ta' Informazzjoni.**

2.23 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk 28/2015 – Konferenza Proġett E2Stormed.**

2.24 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Circular LCA Circ 29/2015 – Europe for Citizens –***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

***Active Citizens for Active Climate Protection.***

2.25 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk 31/2015 – Messaġġ mill-*Malta Transport Authority* dwar tallinja cards.**

2.26 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***WebCheck* għall-Kunsilli Lokali.**

2.27 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Paul Gatt, President tal-Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Reġjuni, bit-titlu **Premju Segretarju Eżekuttiv 2015.**

2.28 Inqrat *e-mail* mibgħuta mil-Logutent Brian Gatt, *Aide-de-Camp* tal-President ta' Malta, bit-titlu **Laqgħa mal-E.T. il-President ta' Malta.**

2.29 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Dorothy Falzon, Koordinatur tal-Komunikazzjoni fil-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, bit-titlu **Konferenza tal-Aħbarijiet – Festival Agrarju tal-Patata 2015.**

2.30 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Antonello Abela, Prinċipal fil-Bord tad-Dipartiment tal-Kuntratti, bit-titlu ***Objection QLC P 49/15.***

2.31 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Raphael Scerri, Kap fil-*Managing Authority*, bit-titlu **Laqgħa dwar Miżura 313.**

2.32 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Simon Grech mill-*Managing Authority*, bit-titlu ***Meeting to discuss Qrendi Local Council's M313 Project.***

2.33 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Anna Galea, *Senior Principal* fil-Ministeru għat-Trasport u Infrastruttura, bit-titlu **1297 – Qrendi – Triq Ħaġar Qim.**

2.34 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christopher Cremona, *Senior Engineer* fil-Ministeru għat-Trasport u Infrastruttura, bit-titlu ***Installation of new railing at Wied iż-Żurrieq.***

2.35 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Alexander Cutajar, Koordinatur tal-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Komunikazzjoni fis-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilita' u Anzjanita' Attiva, bit-titlu ***A+ Accessibility Award.***

2.36 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Mallia mill-uffiċċju tal-komunikazzjoni tal-MEPA, bit-titlu ***Break time from excavation & demolition works.***

2.37 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Cora Vella Laurenti, *Senior Executive* fil-Ministeru għat-Turiżmu, bit-titlu ***EDEN - MALTA: A taste of the Meditteranean.***

2.38 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Cora Vella Laurenti, *Senior Executive* fil-Ministeru għat-Turiżmu, bit-titlu ***EDEN – Tourism and Local Gastronomy.***

2.39 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Michael Cassar, *Head – Market Surveillance Directorate* mill-*Malta Competition and Consumer Affairs Authority*, bit-titlu ***Use of pesticides in public areas.***

2.40 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Antonella Grasso, *Research and Training Promoter* fil-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza, bit-titlu ***Training Session Promoting Equality, Managing Diversity – ESF 4.220 – Developing a Culture of Rights through Capacity Building.***

2.41 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Denise-Mariella Farrugia, *Regional Development Agent* tal-Proġett LEAP, bit-titlu ***South Region Summer Camp.***

2.42 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Uffiċċju tal-MEUSAC, bit-titlu **Laqgħat ta' Informazzjoni Dwar Fondi Ewropej.**

2.43 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Lynn Spiteri mill-Uffiċċju tal-MEUSAC, bit-titlu ***Information Session on EU Funds (Monday 8th June).***

2.44 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Tommy Debono minn Transport Malta, bit-titlu ***DPN of a Road Race.***

2.45 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Tommy Debono minn Transport Malta, bit-titlu **Festival Agrarju tal-Patata, Qrendi Ref: K/A/31/2015.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.46 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Tommy Debono minn Transport Malta, bit-titlu ***DPN of a procession of the First Holy Communion in Qrendi.***

2.47 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Tommy Debono minn Transport Malta, bit-titlu ***Corpus and Qalb ta' Ġesu' Procession.***

2.48 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Jurgen Scicluna, Uffiċjal Eżekuttiv fl-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu, bit-titlu ***Your events images on viewingmalta.com.***

2.49 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Franco Pace, *Manager – Facilities Management Unit* ma' GO, bit-titlu ***Removal of Payphones.***

2.50 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Perit William Lewis bit-titlu **Laqgħa dwar tender: QLC SACE 49/15.**

2.51 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Paul Agius ta' *Agius Agricultural Trading Ltd.,* bit-titlu **Festa tal-Patata.**

2.52 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Michael Briguglio bit-titlu ***Invitation*** **Front Ħarsien ODZ.**

2.53 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Claudia Vassallo Mintoff minn Ħadd Għalik, bit-titlu **Programmi Ħadd Għalik Sajf.**

2.54 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Gabriella Agius bit-titlu **Triq Massabielle.**

2.55 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Jesmond Bonnici bit-titlu ***Event at tal-Maqluba Area.***

2.56 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Nicholas Agius bit-titlu **Wied iż-Żurrieq.**

2.57 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Sylvana Debono, *Junior Manager* tal-programm Six2Eight, bit-titlu **Six2Eight fuq TVM.**

2.58 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Yeda Spiteri Thomas, *Marketing Manager*

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

ma' *ROOTS Integrated Services*, bit-titlu ***Query.***

2.59 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Deborah Mifsud, Kaxxiera tas-Soċjeta' Filarmonika Lourdes, bit-titlu **Ritratti Speċifiċi għall-Kunsill Lokali.**

2.60 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Tricia Dawn Williams, *Sub-Editor* ta' ENCORE, bit-titlu ***Call for cultural events to be listed in the second issue of ENCORE – Arts & Culture Magazine – Local Councils.***

2.61 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Johann Azzopardi bit-titlu **Talba linji sofor.**

2.61.1 Is-Sindku qal li se nkunu qegħdin nitkellmu miegħu u nistednuh sabiex niltaqgħu miegħu fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

## 3. EVALWAZZJONI TAL-FESTIVAL AGRARJU TAL-PATATA 2015

3.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li bħala attivita' kienet suċċess u dan grazzi għas-sotto-kumitat li ħadem ħafna għal dan il-Festival.

3.2 Spjega kif wara l-Festival saret laqgħa oħra tas-sotto-kumitat sabiex ġew diskussi diversi punti dwar kif il-Festival Agrarju tal-Patata jista' jissaħħaħ fis-snin li ġejjin.

3.3 Żied li bħala Kunsill Lokali rridu niftħu l-bibien f'dan il-Festival u mhux ningħalqu li jieħdu biss sehem nies li huma mill-Qrendi.

3.4 Spjega li rridu niftħu orizzonti ġodda fejn jidħlu armar ta' stands tal-patata u ma nistgħux nibqgħu magħluqin għal nies mill-Qrendi biss.

3.5 Il-Viċi Sindku tkellem dwar id-diżappunt kbir li kellna bil-palk u qal lis-sena d-dieħla definittivament irid ikollna wieħed aħjar.

3.6 Tkellem ukoll dwar il-*vintage bus* fejn qal li morna ħażin minħabba li ma

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

telgħux ammonti kbar ta' nies fuqha, u dan kien dovut ukoll għall-ħin twil li kien qiegħed ikun hemm bejn dawra u oħra, kif ukoll bħala *bus* ma kenitx qed tiflaħ ħafna nies.

3.7 Is-Sindku David Schembri qal li jixtieq jirringrazzja b'mod speċjali lill-Viċi Sindku Charles Zerafa u lis-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon kif ukoll lill-membri l-oħra tas-sotto-kumitat għall-ħidma kontinwa tagħhom f'dan il-Festival.

3.8 Spjega kif il-ġimgħa li għaddiet kellna laqgħa dwar dawn l-attivitajiet kulturali fejn ingħatajna spjegazzjoni dettaljata dwar x'qegħdin jistennew minna meta napplikaw għal din l-iskema fis-snin li ġejjin u speċjalment inkonnessjoni ma' Valletta18.

3.9 Żied li mill-informazzjoni li ngħatajna, jidher ċar li l-bord tal-għażla se jkun qiegħed iħares lejn l-applikazzjonijiet u ħeġġewna sabiex l-attivita' ma tkunx tinvolvi biss nies mir-raħal jew belt partikolari, imma tkun anke fuq bażi reġjonali, kif ukoll tista' tkun mifruxa fuq livell nazzjonali.

3.10 Dan ifisser li bħala Kunsill Lokali ma nistgħux ningħalqu għan-nies tal-Qrendi biss għax dan jista' jfisser li jew l-applikazzjoni tagħna ma tiġiex aċċettata nkella jintaqqsulna l-fondi li nieħdu għal din l-attivita'.

3.11 Fil-fatt żied li hemm bżonn nevalwaw aktar kif nistgħu ninfetħu fix-xena internazzjonali, għalkemm għad fadal ħafna xogħol xi jsir qabel inkunu nistgħu nidħlu għal impenn simili.

3.12 Qal li fil-preżent qegħdin naħdmu fuq l-inizjattiva 'Poeżija fl-Ixkejjer tal-Patata" sabiex l-iskejjel tal-Qrendi u dawk ta' Leeuwarden jaħdmu flimkien u s'issa jidher li dan l-esperiment qiegħed jaħdem.

3.13 Is-Sindku għalaq billi qal lis-sotto-kumitat hemm bżonn li jibda jitlaqqa' qabel sabiex il-preparemtni għal dan il-Festival isiru aktar bil-għaqal u jibdew minn kmieni sabiex ma noħorġux diżappuntati u nkomplu nibnu fuq is-suċċess ta' snin oħra.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

4. **<u>AĠĠORNAMENT DWAR IS-SEJĦIET GĦALL-OFFERTI QLC PC 49/15 U QLC SACE 49/15</u>**

4.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar l-appell quddiem il-Bord tal-Kuntratti dwar is-sejħa għall-offerti QLC PC 49/15 *(Public Conveniences).*

4.1.1 Qal li meta tlajna sabiex jinstema' l-appell ta' din is-sejħa għall-offerti, l-Bord waqqa' l-każ minħabba li l-Kunsill Lokali kien għadu ma ħax id-deċiżjoni finali fuq dan it-tender.

4.1.2 Spjega kif bħala Kunsill Lokali issa għandna żewġ għażliet quddiemna:

1. Jew nibqgħu għaddejjin bl-aġġudikazzjoni ta' dan it-tender
2. Jew nerġgħu noħorġu s-sejħa għall-offerti mill-ġdid

4.1.3 Is-Sindku qal li hu jipproponi li għandna naġġudikaw dan it-tender minħabba li jekk se nissospendu dan il-proċess, u nerġgħu noħorġu mill-ġdid is-sejħa għall-offerti, probabbli xorta waħda se jkollna appell minħabba s-sitwazzjoni tal-prekarjat.

4.1.4 Fil-fatt saret diskussjoni wiesgħa ħafna dwar din is-sejħa għall-offerti u fl-aħħar is-Sindku ppropona li għandna nagħtu dan it-tender lis-Sur Clayton D'Amato.

4.1.5 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

4.2 Is-Sindku tkellem ukoll dwar is-sejħa għall-offerti QLC SACE 49/15 *(Services of an Architect & Civil Engineer)*.

4.2.1 Qal li wara li bagħtna l-ittri tar-riżultat tal-aġġudikazzjoni min-naħa tal-Kunsill Lokali, irċevejna appell mingħand il-Perit William Lewis.

4.2.2 Żied li fil-preżent dan il-proċess huwa sospiż u l-każ jinsab quddiem il-Bord tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 5. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

5.1 Is-Sindku David Schembri qal li flimkien mal-Viċi Sindku Charles Zerafa attendew għal diversi laqgħat organizzati mill-MEUSAC dwar fondi Ewropej.

5.2 Is-Sindku tkellem ukoll dwar xogħol fuq ħajt tas-sejjieħ li jrid isir fi Triq Ħaġar Qim u spjega kif se jkollha ssir DNO għand il-MEPA u x-xogħol se jkun qiegħed isir u ffinanzjat mill-Ministeru tax-Xogħolijiet.

5.3 Is-Sindku tkellem dwar ix-xogħol li nbeda eżattament illum fil-Ġnien tal-Kmand, eżattament fuq l-entratura tal-bieb tal-ħadid tal-ġenb.

5.3.1 Spjega kif dan ix-xogħol qiegħed isir u ffinanzjat mill-Ministeru tax-Xogħolijiet.

5.4 Is-Sindku tkellm dwar il-*village itineraries* u qal li min-naħa tiegħu waqaf jattendi għal dawn il-laqgħat minħabba li wara sentejn għadu ma sar xejn li ħalla l-frott.

5.5 Is-Sindku tkellem dwar banner li l-Kunsill Lokali qiegħed jaħseb sabiex jagħmel għall-festi li jsiru fil-lokal.

5.5.1 Spjega kif dan il-banner ser isir sabiex jitwaħħal mal-gallarija tal-Kunsill Lokali u jsiru tnejn, wieħed għall-festa tal-Madonna ta' Lourdes u l-ieħor għall-festa ta' Santa Marija.

5.5.2 Żied liż-żewġ banners iridu jkunu identiċi, bl-arma tal-Kunsill Lokali fuq ix-xellug, ritratt tal-Madonna fin-nofs, u l-arma tas-Soċjeta' partikolari fuq il-lemin.

5.5.3 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud qalet li din il-banner tista' tkun mezz ta' polemika ġdida għaliex jista' jkun hemm min jgħid li f'festa l-banner damet aktar jew inqas milli f'festa oħra.

5.5.4 Is-Sindku wieġed li jekk kemm-il darba hemm xi oġġezzjoni min-naħa tal-Kunsill Lokali, din il-banner ma ssirx.

5.5.5 Wara diskussjoni l-Kunsill Lokali qabel unanimament li dawn il-banners għandhom isiru.

5.6 Is-Sindku tkellem dwar il-barrikati u qal li l-Kunsill Lokali għandu bżonn jixtri ħamsa u għoxrin (25) barrikata sabiex dawn jintużaw għat-tiġien li qiegħed ikollna fiż-żona tal-Maqluba.

5.6.1 Ġew preżentati tliet kwotazzjonijiet li kienu miġbura:

- A+ - €53.12 (excl. VAT) għal kull barrikata
- MFCC - €125 (excl. VAT) għal kull barrikata
- All Events Logistics Ltd. - €80 (excl. VAT) għal kull barrikata

5.6.2 Is-Sindku qal li fil-preżent se nkunu qegħdin nixtru ħmistax (15)-il barrikata sabiex ikollna biex nibdew, imbagħad aktar 'il quddiem inkunu nistgħu nixtru għaxra (10) oħra.

5.6.3 Hu ppropona li għandna nagħżlu l-irħas kwotazzjoni, dik tal-kumpanija A+.

5.6.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

5.6.5 Is-Sindku żied jitkellem dwar il-prezz ta' dawn il-barrikati, dwar kemm il-Kunsill Lokali se jibda jżomm flus meta jintużaw.

5.6.6 Saret diskussjoni wiesgħa dwar dan is-suġġett, fejn is-Sindku, Viċi Sindku u l-Kunsillieri Daniel u Daniela Farrugia kollha qablu li għandna nżommu €2 għal kull barrikata, filwaqt li l-Kunsillier Olympia Sant Mifsud qalet li għandna nżommu €1 għal kull barrikata.

5.6.7 Fl-aħħar il-Kunsill Lokali ħa deċiżjoni li għandna nżommu €2 għall kull barrikata li tintuża'.

5.7 Is-Sindku tkellem dwar inizjattiva ta' restawr.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

5.7.1 Qal li bħalissa ninsabu fuq il-lista ta' lokalitajiet li probabilment fihom se jsir xi xogħol ta' restawr u dan minħabba li se tiġi restawrata parti mill-Kappella ta' San Mattew.

5.7.2 Żied li fil-mument qegħdin xorta nevalwaw il-possibiltajiet jekk għandniex napplikaw sabiex jiġi restawrat is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena.

5.8 Is-Sindku tkellem dwar il-proġett *Arts in Open Spaces*.

5.8.1 Spjega kif se jsiru żewġ proġetti fis-sena sa-sena 2018, jiġifieri se jsiru b'kollox sitt proġetti, u aħna interessati ħafna fuq din l-inizjattiva.

5.8.2 Qal li se jkunu qegħdin jingħataw €30,000 għal dan il-proġett u l-artisti għandhom jitkellmu mal-Kunsill Lokali qabel jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom u dan sabiex jieħdu l-approvazzjoni tal-Kunsill dwar is-suġġett magħżul.

5.8.3 Barra minn hekk, kull artist irid jidentifika żona fejn se jsir dan il-proġett.

5.8.4 Qal li bħala Kunsill Lokali m'aħniex naqblu 100% dwar kif se jkunu qegħdin isiru l-affarijiet, għax fl-aħħar mill-aħħar id-deċiżjoni mhijiex se tkun tal-Kunsill Lokali liema proġett għandu jsir fil-lokalita', imma se tkun min-naħa tal-Ministeru tax-Xogħolijiet li se tittieħed deċiżjoni dwar liema proġetti se jsiru.

5.8.5 Spjega kif bħala Kunsill Lokali diġa' bagħtna ammont ta' mistoqsijiet lill-Ministeru tax-Xogħolijiet sabiex ikollna kjarifikazzjoni dwar diversi punti.

5.8.6 Is-Sindku qal li min-naħa tiegħu diġa' tkellem mal-artist Chris Ebejer u qiegħed jistenna sabiex ikun jista' jitkellem ukoll mal-artist Martin Formosa.

5.8.7 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa ppropona li l-Kunsill Lokali għandu wkoll javviċina lill-artist Angelo Agius f'dan ir-rigward.

5.8.8 Ix-xewqa tal-Kunsill Lokali u ta' din l-inizjattiva hi, li fl-aħħar mill-aħħar il-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

biċċa xogħol artistika jkollha x'taqsam mal-identita' tal-lokalita' tagħna.

5.8.9 Qal li hu jipproponi li bħala Kunsill Lokali għandna nidħlu għal din il-biċċa xogħol u nuru l-interess kollu tagħna.

5.8.10 Fil-fatt, se nkunu qegħdin noħorġu avviż sabiex naraw liema huma l-artisti interessati li jixtiequ jieħdu sehem f'dan il-proġett.

5.9 Is-Sindku tkellem dwar ir-Reġjun tan-Nofsinhar u qal li se nkunu qegħdin ningħataw €1,063.95 oħra taċ-ċitazzjonijiet li jitħallsu fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

5.9.1 Qal li dan l-ammont huwa l-10% taċ-ċitazzjonijiet li tħallsu fil-Kunsill Lokali tagħna.

5.9.2 Is-Sindku spjega wkoll kif ir-Reġjun tan-Nofsinhar se jkun qiegħed joħroġ skema li tolqot lil persuni bi bżonnijiet differenti u jidher li se nkunu qegħdin nibbenefikaw minn €1,366 għal dan il-għan.

5.10 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li kellu l-Kunsill Lokali ma' Paragon Europe.

5.10.1 Qal li din il-kumpanija hija interessatha li tagħmel żjarat turistiċi fil-Qrendi.

5.10.2 Spjega kif bħala Kunsill Lokali se nippruvaw naħdmu magħhom imma għadna rridu naraw xi żviluppi se jkun hemm.

5.11 Is-Sindku tkellem dwar Wied iż-Żurrieq u qal li bħalissa għaddej ix-xogħol ta' tiswija fuq ir-*railings* u l-moll tad-Dikkiena.

5.11.1 Qal li dan ix-xogħol ġej jiswa madwar €62,000 u se jkun qiegħed jitħallas mill-Ministeru tax-Xogħolijiet.

5.11.2 Dwar il-kisi tal-moll in-naħa tal-'ponot', is-Sindku qal li fil-bidu l-ħsieb kien li se naħdmu permezz tas-sempliċi DNO tal-MEPA, imma ġejna infurmati li għandna bżonn nagħmlu applikazzjoni sħiħa u dan il-permess jista' jdum sa madwar sena sakemm jinħareġ.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

5.11.3 Is-Sindku tkellem dwar applikazzjoni li hemm bħalissa quddiem il-MEPA għal permess ta' tinda faċċata tal-ħanut Step In f'Wied iż-Żurrieq.

5.11.4 Qal li din l-applikazzjoni tfisser li din it-tinda se tkun qiegħda tagħlaq il-belveder, għaliex din it-tinda se tingħalaq biss meta ma jkunx hemm xogħol, jiġifieri probabbli minn tard ħafna bil-lejl sa kmieni filgħodu.

5.11.5 Spjega li jekk il-Kunsill Lokali mhux se jitkellem dwar dan il-każ, se jkollna problema kbira mas-sidien tal-ħwienet l-oħra minħabba li s'issa diġa' oġġezzjonana għal xi talbiet sabiex jinħarġu mwejjed u siġġijiet barra minn ristoranti oħra.

5.11.6 Żied li jekk kemm-il darba l-Kunsill Lokali jibqa' ħalqu magħluq quddiem dan il-każ, se nkunu qegħdin noħolqu preċedent għall-futur.

5.11.7 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li hu jaqbel mal-proposta tas-Sindku, li noġġezzjonaw għal dan l-iżvilupp flimkien mal-applikazzjonijiet kollha li ġew sottomessi f'dan ir-rigward.

5.11.8 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud qalet li l-Kunsill Lokali għandu joġġezzjona biss minħabba l-applikazzjoni tat-tinda minkejja li l-oħrajn huma barra ż-żona ta' żvilupp skont is-*South Local Plans* għall-akwati.

5.11.9 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li m'għandniex naċċettaw l-imsemmija applikazzjoni tal-MEPA.

5.12 Is-Sindku tkellem dwar talba li daħlet fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali sabiex issir struttura tal-ħadid oħra sabiex jitwaħħlu l-banners magħha.

5.12.1 Qal li din l-istruttura tista' tiġi fi Triq it-Tempesta, maġenb il-waħda li hemm preżenti.

5.12.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din it-talba, jekk kemm-il darba ma jkunx hemm oġġezzjoni minn sid l-għalqa fejn se tkun imwaħħla din l-istruttura.

5.13 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa tkellem dwar id-data meta l-Kunsill Lokali se

jagħmel il-mawra għal Sqallija.

5.13.1 Qal li kellna nċaqalqu d-data b'ġimgħa u minflok fil-11 ta' Lulju se mmorru fit-18 minħabba lit-*tour leader* ma setgħax ikun magħna kieku se mmorru fil-11 ta' Lulju.

5.13.2 Spjega kif hemm bżonn nagħmluha ċara man-nies li ġejjin li m'aħniex se nżuru s-suq ta' Katanja u nfissru sewwa l-programm kollu għal din il-ġurnata fi Sqallija.

5.14 Il-Viċi Sindku tkellem dwar il-ġurnata Għawdex li qiegħed jorganizza l-Kunsill Lokali għall-1 ta' Lulju.

5.14.1 Qal li s'issa il-konkorrenza hija waħda tajba ħafna.

5.15 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud tkellmet dwar il-*container* li hemm fi Triq in-Normanni.

5.15.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon wieġeb li ilu ħafna jipprova jikkuntattja lis-Sur Ian Magro, ta' Asfaltar Ltd., sabiex dan jitneħħa, imma s'issa għadu hemmhekk.

## 6. <u>FINANZI</u>

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €52,466.64c skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 06/15 u €134.64c skont il-*Petty Cash* Ref S/05.

6.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi ppropona li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

6.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa u l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekondaw u l-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 7. AĠĠORNAMENT

7.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-8pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 20 ta' Lulju 2015 fil-5:30pm.

________________________ ________________________

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**